# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru, 2024

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 46/2021 ISB**

**Fathi Muftah Abushkewa (KI: 237601L)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrent **Fathi Muftah Abushkewa**, intavolat fl-10 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu huwa talab lil-Qorti sabiex:-

1. *Tordna, in vista tal-premess, dik ir-rettifika meqjusa necessarja, taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa;*

2. *Alternattivament, tordna li l-isem tal-kumpannija jkun restitwit fuq ir-registru u li l-istralc jerga' jinfetah ghar-ragunijiet premessi, inkella ghal dawk ir-ragunijiet u ghal dak iz-zmien li l-Qorti tispecifika fid-decizjoni taghha, u skond id-direttivi u l-imposizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.*

U dan wara li ppremetta:

1. *Illi l-esponenti kien membru uniku tas-socjeta' Supercar Limited, socjeta' rregistrata mar-Registratur tal-Kumpanniji f'Malta bin-numru ta' registrazzjoni C 30291. Din is-socjeta' bdiet il-process tal-istralc permezz tal-likwidatrici, liema process beda fl-ewwel (01) ta' Ottubru elfejn u ghoxrin (2020) u ntemm fit-tlettax (13) t'April 2021.*

2. *Illi, fuq din is-socjeta' hemm zewgt' garages, li huma: (i) il-hanut attwalment gestit that l-isem ta' ''Supercar'' minghajr numru civiku pero' immarkat mhux ufficjalment bin-numru wiehed u tlettin (31) fi Triq San Gorg, Naxxar kif ukoll (ii) garaxx accessibbli minn bieb iehor, wkoll minghajr numru civiku jew isem, mmarkat mhux ufficjalment pero bin-numru tnejn (2) fi Triq il-Muftieh, u gia maghruf bhala Triq Gdida fi Triq San George, Naxxar (kuntratt anness u mmarkat bhala DOK A).*

3. *Illi, minhabba l-fatt illi l-esponenti huwa l-uniku membru fis-socjeta' Supercar Limited (C 30291) huwa talab lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jezentah milli jhallas t-taxxa relattiva ghat-trasfriment ta' dawn iz-zewg assi kapitali ghal fuq ismu personali.*

4. *Illi, minhabba illi l-esponenti ma kienx ilu l-uniku membru tas-socjeta' Supercar Limited ghall-ahhar hames snin precedent l-process tal-istralc, din l-ezenzjoni u s-socjeta' giet stralcata minghajr ma gew trasferiti iz-zewg assi kapitali minn fuq is-socjeta' ghal fuq is-socju personalment.*

5. *Illi, ghaldaqstant, il-propjeta' hawn fuq imsemmija ghadha tghajjar lis-socjeta' Supercar Limited (C 30291).*

6. *Illi l-esponenti jixtieq ghalhekk jipprocedi ai terminji tal-artikolu 300B(1) tal-Kapitolu 386, bil-ghan illi l-propjeta' tigi trasferita fuq l-esponenti.*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 12).

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tat-30 ta' Ġunju 2021, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-22 ta' Settembru 2021 fil-10:45 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji kienet notifikata fl-14 ta' Lulju 2021 (ara tergo ta` fol 14).

Rat illi fit-3 ta' Awwissu 2021, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **<u>ir-risposta</u>** tiegħu (fol 17) b'dokument hemm anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi in kwantu għall-meriti fattwali tal-kawża peress illi l-konvenut Reġistratur mhux edott mill-fatti kollha huwa jirimetti ruħhu għall-provi u għall-ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi l-ewwel rekwiżit illi għandu jiġi pruvat skont l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji, huwa illi r-rikkorenti jkunu persuni interessati. Tali rekwiżit huwa wieħed illi għandu jitqies skont il-fatti u ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u għaldaqstant hija l-Qorti illi għandha tistabbilixxi jekk l-elementi rekwiżiti skont dan l-artikolu jeżistux u jekk iva, jeżistux b' tali mod illi jimmeritaw ir-rimedju eċċezzjonali u straordinarju provdut fl-imsemmi artikolu.*

*Illi t-tieni rekwiżit illi jagħti lok għall-istituzzjoni tal-azzjoni taħt l-artikolu 300B huwa illi r-rikors promotur għandu jiġi preżentat sa żmien massimu ta' ħames snin mid-data illi fiha l-isem tal-kumpanija in kwistjoni jkun ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru. Billi l-isem tal-kumpanija Supercar Limited (C 30291) kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru fit-13 t' April 2021 u billi r-rikors promotur ġie preżentat f' Ġunju ta' dina s-sena, it-terminu preskritt mil-liġi ġie osservat.*

*Illi skont is-subartikolu 3 tal-Artikolu 300B dina l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta illi dak li jaħseb għalih is-subartikolu 2 tal-Artikolu 300B kien jikkostitwixxi l-uniku rimedju skont il-liġi għad-disposizzjoni tar-rikorrenti. Ta' min wieħed jgħid illi l-proċedura illi wasslet għax-xoljiment, stralċ u tħassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni minn fuq ir-Reġistru kienet waħda illi bdiet volontarjament mill-unika azzjonist u uffiċjal tal-kumpanija. Għaldaqstant, il-proċess illi wassal għat-tħassir tal-*

*ismijiet tal-kumpanija de quo huwa wieħed pubbliku u d-dokumentazzjoni relattiva għal tali tħassir huwa wieħed aċċessibbli għall-viżjoni ta' terzi persuni. Illi għalhekk huwa importanti ħafna illi fis-sentenza tagħha dina l-Onorabbli Qorti għandha tispeċifika jekk l-ordni tagħha taħt dan l-Artikolu, jekk huwa l-każ, jolqotx biss ir-rikorrenti illi qiegħed jippromwovi tali rimedju straordinarju.*

*Illi kif dejjem ġie sottolineajat mill-Qrati tagħna, iż-żewġ elementi illi jipprovdu l-qofol sostanzjali tal-Artikolu 300B huma illi wieħed jipprova kjarament illi l-proċess tal-istralċ u tat-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru kien wieħed ivvizjat jew bi frodi jew, bħalma qiegħed jiġi allegat f'din il-kawża bl-element ta' illegalita' ta' natura materjali. Dawn iż-żewġ raġunijiet jidhru illi huma ristretti fin-natura tagħhom iżda s-sinifikat u l-applikazzjoni tagħhom f' każijiet partikolari ngħataw f'interventi interpretattivi tal-Qrati tagħna. Dawn, kif intqal qabel, dejjem ħadu in konsiderazzjoni il-fatti u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ illi kellhom quddiemhom.*

*Illi madanakollu, l-esponent jemmen illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija msejsa fuq premessa żbaljata, fis-sens illi ċ-ċirkustanzi hekk kif spjegati fir-rikors promotur juru biċ-ċar illi l-istralċ tal-kumpanija u konsegwentament il-qtugħ tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru sar waqt pendenza ta' trasferiment taż-żewġ assi kapitali in kwistjoni. Fih innifsu dan juri illi hemm il-ħtieġa ta' rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni u fit-tieni lok, turi wkoll b'kull dovut rispett, nuqqas da parti tal-likwidatriċi wara li b'deduzzjoni jidher illi ż-żewġ assi kapitali in kwistjoni kienu a konixxenza tar-rikorrent u kif ukoll tal-likwidatriċi (liema rikors promotur ġie preżentat quddiem din l-Onorabbli Qorti minnha stess) u għalhekk ma seta' qatt ikun hemm xi nuqqas ta' għarfien tal-fatti fil-mument tal-għeluq tal-proċess tal-istralċ.*

*Illi għaldaqstant jista' jiġi dedott illi l-atteggjament tal-likwidatriċi fl-għeluq tal-proċess tal-istralċ jagħti indikazzjoni ta' traskuraġni, imprudenza jew nuqqas t' attenzjoni. Huwa kemmxejn stramb u forsi mhux f'loku illi l-istess likwidatriċi li temmet il-proċess tal-istralċ qiegħda llum tippreżenta r-rikors promotur f'isem ir-rikorrent abbażi tal-Artiklu 300B meta biex din l-azzjoni tirnexxi, din l-Onorabbli Qorti tħares lejn l-aspett ta' jekk l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkunx vizzjat bi frodi jew b'illegalita' ta' natura materjali, liema fattur jew fatturi jekk jirriżultaw lil din l-Onorabbli Qorti,*

*ipoġġu f'ombra ta' dubju l-irwol tal-likwidatriċi u konsegwentament tal-avukat li qed jirrappreżenta lir-rikorrenti f'dan ir-rikors promotur.*

*Illi fl-essenza tiegħu r-rimedju illi tista' tagħti dina l-Onorabbli Qorti, jekk ikun il-każ, huwa wieħed speċjali u eċċezzjonali. Għalhekk f'kull każ il-Qorti għandha teżerċita kawtela u tuża d-diskrezzjoni tagħha b-mod ċar sabiex taċċerta ruħha illi tali każ huwa wieħed ġenwin sabiex jiġi skansat kull lok ta' abbuż. Dan huwa fatt importanti meta wieħed jikkonsidra l-fatt illi l-liġi ma tagħti ebda ħjiel jew definizzjoni ta' x' jikkostitwixxi illegalita' ta' natura materjali. Ta' min jgħid illi mhux kull illegalita' tiskatta l-jedd għar-rimedju taħt l-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji. Ta' min wieħed jgħid illi x' inhu materjali jiddependi mill-fattispeċi ta' kull każ individwali u għalhekk irid jiġi ppruvat b' mod lampanti min-naħa tar-rikkorenti għas-sodisfazzjon ta' dina l-Onorabbli Qorti. Għalhekk, tali illegalita' trid tkun waħda illi wasslet għall-ivizzjar tal-proċess tal-istralċ. Illi għalhekk l-istralċjarju għandu joqgħod ferm attent illi jara illi qabel ma jgħaddi għall-proċedura illi twassal għall-kanċellament u tħassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni, huma jkunu kollha effettivament konklużjoni. Dan mingħajr il-hsieb komdu illi jekk jinqala xi ħaġa wara, jista' jirrikorri għar-rimedju taħt xi artikolu illi jipprovdi l-Att dwar il-Kumpaniji, speċifikament l-Artikolu 300B tal-istess Att. Illi appuntu l-funzjoni tal-istralċjarju, kif ġie magħżul mis-soċji tal-kumpanija jeżiġi illi jillikwida u jikkonkludi l-affarjiet tal-kumpanija illi l-isem tagħha sejjer jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru bħala konsegwenza tal-inkarigu mportanti tiegħu.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk dina l-Onorabbli Qorti tħoss illi għandha tagħti rimedju taħt l-Artikolu 300B għandu jiġi akkordat bħala wieħed eċċezzjonali u straordinarju skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u għandu jingħata żmien improrogabbli sabiex l-affarjiet tal-kumpanija in kwistjoni jiġu definittivament konklużi.*

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2022 dehru l-Avukat Elaine Sammut u l-Avukat Joseph Bonello għar-rikorrent u dehret l-Avukat Dr Claudette Fenech għar-Reġistratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2022 xehdet **Dr Elaine Sammut** prodotta mir-Reġistratur intimat.

Rat in-nota ta' Dr Elaine Sammut intavolata fis-16 ta' Frar 2022 (fol 37) li permezz tagħha ppreżentat dokument mitlub lilha waqt ix-xhieda tagħha (fol 38).

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2022, il-partijiet qablu li m'għadx hemm il-ħtieġa li tiġi trattata l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat, u dan wara illi r-rikorrenti talab u ottjena l-jedd illi jagħmel korrezzjoni fir-rikors promotur sabiex jiġi miftiehem illi r-rikors irid jiġi meqjus intavolat ai termini tal-Artikolu 300A u mhux l-Artikolu 300B tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rikorrent intavolata fl-1 ta' Novembru 2022 (fol 43) li permezz tagħha ppreżenta affidavit tiegħu stess (fol 44 sa fol 45).

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2022, id-difensur tar-rikorrent iddikjarat li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2023, xehed in kontro-eżami **Fathi Muftah Abushkewa**.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2023 xehdet in kontro-eżami **Dr Elaine Sammut**. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent.

Rat ukoll illi fl-udjenza tad-29 ta' April 2024, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-Artiklu 300A tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, is-soċjeta' rikorrenti tgħid illi b'effett mit-13 t'April 2021, l-isem tas-soċjeta' **Supercar Limited (C 30291)** kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, wara proċess ta' likwidazzjoni voluntarja.

Illi jirriżulta li meta kienet qed issir il-likwidazzjoni u l-istralċ tas-soċjeta' Supercar Limited ma ttieħdex kont ta' żewġ garaxxijiet u ċioe` l-ħanut attwalment ġestit taħt l-isem ta' 'Supercar' immarkat mhux uffiċjalment bin-numru wieħed u tletin (31) fi Triq San Ġorġ Naxxar u l-garaxx immarkat

mhux uffiċjalment bin-numru tnejn (2) fi Triq il-Muftieħ, ġja magħrufa bħala Triq il-Ġdida, Naxxar, li kienu jappartjenu lill-istess soċjeta'.

Jispjega illi għandu kull interess illi ssir rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv sabiex jittieħed kont tal-imsemmi immobbli u dana jkun jista' jiġi trasferit, in via ta' distribuzzjoni, a favur tal-esponent bħala azzjonist tal-istess soċjeta'.

Fix-xhieda tagħha, **Dr Elaine Sammut** tispjega li kienet inbdiet il-likwidazzjoni tal-kumpanija *de quo* u hi flimkien mal-awditur u mar-rikorrenti kienu ssottomettew id-dokumentazzjoni kollha u qabel ma ġiet *struck off* kienu ntebħu li kien hemm żewġ garaxxijiet li ma ġewx trasferiti. Tispjega li minkejja li kienet infurmat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji dwar dan, ma kien hemm xejn li seta' jsir sabiex tinżamm milli tiġi *struck off* f'dak l-istadju.

In kontro-eżami tgħid li hi kienet il-likwidatriċi tal-kumpanija u mill-kontijiet annwali tal-kumpanija kien irriżultalha li hemm xi assi tal-kumpanija iżda tispjega li t-trasferiment tal-propjeta` u l-eżenzjoni tat-taxxa kien qed jieħu ħsiebhom ħaddieħor. Tgħid li għalhekk meta ġiet biex tikkonkludi l-istralċ kellha l-impressjoni li l-assi kienu diġà ġew trasferiti u għalhekk fl-iskema ta' distribuzzjoni ma ġewx riflessi.

Tispjega li dakinhar li saret taf li l-assi ma ġewx ittrasferiti kienet għamlet tentattiv sabiex twaqqaf il-proċess tal-istralċ, iżda kien tard wisq u ma kienx hemm lanqas żmien biżżejjed sabiex isir it-trasferiment.

Fl-affidavit tiegħu, r-rikorrent **Fathi Muftah Abushkewa** jgħid li fit-3 ta' Ottubru 2002 hu flimkien ma' Reuben Valletta kienu ffurmaw is-soċjeta' Supercar Limited C 30291.

Jispjega li fid-19 ta' Jannar 2007, il-kumpanija *de quo* kienet xtrat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro żewġ garaxxijiet, li kienu, il-ħanut dak iż-żmien ġestit taħt l-isem 'Supercar' immarkat mhux uffiċjalment bin-numru wieħed u tletin (31) fi Triq San Ġorg, in-Naxxar u

garaxx mhux uffiċjalment immarkat bin-numru tnejn (2) fi Triq il-Muftieħ, ġja Triq Ġdida fi Triq San Ġorġ, in-Naxxar.

Jgħid li fit-28 ta' Frar 2019 Reuben Valletta ttrasferixxa l-ishma li kellu tas-soċjeta' *de quo* għal fuqu u għalhekk hu baqa' l-unika membru tas-soċjeta' *de quo*.

Jispjega li fl-1 ta' Ottubru 2020 kien beda l-proċess tal-istralċ tas-soċjeta' bi pjan li l-istess stralċ jintemm fit-13 t'April 2021 u billi kien l-uniku membru talab lill-Kummissarju tat-Taxxi jeżentah milli jħallas it-taxxa sabiex il-propjeta` fuq deskritta tiġi ttrasferita f'ismu, liema talba ġiet rifjutata. Jgħid li għalhekk kien hemm korrispondenza diversa sabiex jiġi eżentat mill-ħlas ta' parti mill-istess taxxa, bil-konsegwenza li tant dam il-proċess li l-kumpanija ġiet stralċjata qabel ma sar it-trasferiment.

Isostni għalhekk li ma kellu ebda għażla ħlief li jintavola l-proċeduri odjerni.

In kontro-eżami jikkonferma li l-kumpanija kienet ġiet xjolta fuq xewqa tiegħu u kien jaf li qed tiġi xjolta. Jikkonferma li kien jaf li għad hemm propjetà` fuq isem il-kumpanija iżda ma kienx jaf x'ried isir u lanqas ma kien ċert kinitix tappartjeni lill-kumpanija. Jgħid li sar jaf b'dan meta l-proċeduri biex tingħalaq il-kumpanija kienu kompluti.

Jispjega li kien hu li nkariga lil-likwidatriċi tagħlaq il-kumpanija u meta ġew biex jittrasferixxu l-propjetajiet kien tard wisq. Jgħid li dan ma sar bl-ebda skop iżda bi żball.

Jgħid li kien ipprova jwaqqaf il-kanċellazzjoni tal-kumpanija sabiex isir it-trasferiment neċessarju iżda kien tard wisq. Jikkonferma li ntavola l-proċeduri odjerni sabiex issir ratifika ta' żball, li sar mingħajr ebda intenzjoni ħażina.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Reġistratur jirrimetti ruħu għall-merti fattwali u jgħid illi huwa għadda għall-kanċellament tal-kumpanija *de quo* wara li kien irċieva d-dokumentazzjoni relattiva għall-likwidazzjoni u ra li kienet konformi mal-liġi.

Jgħid illi huwa qatt ma rċieva xi forma ta’ oġġezzjoni għat-tħassir tal-isem matul il-perjodu statutorju, u jsostni illi f’każ ta’ stralċ volontarju, l-oneru fuq l-istralċarju sabiex jassikura illi ttieħed kont tal-assi kollha qabel ma jgħaddi għas-sottomissjoni tad-dokumenti finali huwa akbar.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-**Art. 300(A) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta’ Malta** jgħid testwalment hekk:

> *(1) Meta fil-kors tal-istralċ ta’ kumpanija l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija, u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista’ b’rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta’ distribuzzjoni, u l-Qorti tista’, meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*
>
> *(2) Meta kumpanija tkun għamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti tagħha skont skema ta’ distribuzzjoni u l-isem ta’ dik il-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġstru, kull kreditur li l-pretensjoni tiegħu kontra l-kumpanija ma tkunx ġiet sodisfatta jista’, b’rikors, jagħmel talba għal dak li hu dovut lilu mingħand l-azzjonisti tal-kumpanija pro rata għall-ammont li jkun riċevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista’, meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru ħlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa: Iżda f’ebda każ ma għandu azzjonist ikun meħtieġ li jikkontribwixxi għal ammont li jkun iżjed minn dak riċevut minnu mad-distribuzzjoni.*
>
> *(3) Ma jista’ jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħaddu ħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terġa’ ssib postha fuqu ai termini tal-Artiklu appena ċitat.

Ma hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija Supercar Limited ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati mar-rikors u fil-kors ta’ dawn il-proċeduri jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw, għalkemm il-Qorti sejra tagħmel xi osservazzjonijiet aktar ’l isfel.

Issir referenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-31 ta’ Mejju 2023 filk-kawża **Simon Felice vs Reġistratur tal-Kumpaniji** (105/2021/1), meta fir-rigward ta’ pendenza simili għal din qalet hekk:

> *9. Jibda biex jingħad illi l-Qorti kellha parametri ċari tat-talba li saret taħt l-Artikolu 300A tal-Kap. 386. Huwa fatt indiskuss illi meta saret id-distribuzzjoni tal-assi tal-kumpanija Felix Services and Installations Limited, il-proprjetà mmobbli mertu ta’ din il-vertenza li wkoll kienet proprjetà tal-kumpanija ma ddaħħlitx fl-iskema ta’ distribuzzjoni. Minn ottika prattika ma jagħmilx sens li ma tiddaħħalx għaliex l-attur bħala uniku azzjonist kien ser jibbenefika billi l-proprjetà ddur fuqu personalment bis-saħħa tal-iskema ta’ distribuzzjoni. Din it-talba għalhekk saret biex jiġi rettifikat dan l-iżball li seħħ. Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji ma għamel ebda oppożizzjoni fil-mertu. Dak li kellha għalhekk tara l-Ewwel Qorti qabel kollox hu jekk dak mitlub kienx jirrifletti ruħu fi-fatti. Il-kuntratt tal-akkwist esebit hu ċar u ċjoè li l-proprjetà kienet mixtrija fl-2012 mill-kumpanija fuq imsemmija. Iċ-ċaħda ta’ din it-talba twassal kif ġustament jirrileva l-appellant għall-konfiska da facto favur il-Gvern ta’ proprjetà li skont l-appellant tappartjeni lilu bħala l-uniku azzjonist wara li l-kumpanija proprjetarja tal-immobbli ġiet xolta u mħassra mir-reġistru tal-kumpaniji. Tali deċizjoni għandha l-effett li l-appellant ma kellux il-fakoltà li jiddefendi ruħu kontra tali deċizjoni meta tqis ir-raġuni li wasslet lill-Ewwel Qorti għaċ-ċaħda tat-talbiet, ċjoè nuqqasijiet*

*ta' natura fiskali da parti tal-appellant suxxettibbli għall-prosekuzzjoni ta' natura penali. Però dawn in-nuqqasijiet ma kinux pruvati bħala fatti aċċertati iżda biss konsiderazzjonijiet li tefgħu suspett f'moħħ il-Qorti li kollox ma kienx jidher kif suppost fejn tidħol ħlas ta' taxxa.*

*10. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li l-Ewwel Qorti ma riditx tisimgħu jew li ma ħallitux jippreżenta provi biex juru li qabel l-2009 kien jaħdem bħala self-employed fl-istess qasam ta' xogħol u li t-tpaċija li tirriżulta fil-kuntratt kienet relatata ma' meta l-attur kien jaħdem għal rasu. Ma jirriżultax mill-atti dak li qed jallega l-appellant. B'danakollu l-Qorti ma kinitx qed tinvestiga kwistjoni ta' taxxa iżda biss jekk dak mitlub kienx jidħol fil-parametri u skop tal-liġi, għalkemm dejjem għandha s-setgħa li titlob li aġir li jidher prima facie mhux skont il-liġi jiġi investigat mill-awtoritajiet kompetenti. Però t-talbiet attrici huma mibnija fuq nuqqas fl-iskema ta' distribuzzjoni billi ma ġietx imdaħħla proprjetà tal-kumpanija f'din l-iskema. Ladarba dan jirriżulta t-talba kellha tintlaqa' għalkemm kif ingħad il-Qorti setgħet tieħu in konsiderazzjoni l-fatt dwar il-ħtija għal tali nuqqas li tista' tiġi riflessa fil-kap tal-ispejjeż, u jekk kif dehrilha l-Qorti, hemm suspett li fil-kuntratt tal-akkwist seta' kien hemm nuqqasijiet soġġetti għal riperkussjonijiet fiskali, tagħti l-provvedimenti meħtieġa.*

Applikat dan l-insenjament, il-Qorti, filwaqt illi tqis illi l-fatti li jirriżultaw jinkwadraw sewwa fil-provvediment tal-liġi invokat, ser tgħaddi għalhekk sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni.

**Issa l-Qorti tqis illi meta ssir u tiġi ordnata r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni, allura jkun qed jissewwa nuqqas, żball li jkun hemm f'dik l-iskema, u kwindi l-Qorti tqis illi kwalsiasi transazzjoni li sseħħ għandha tiġi meqjusa illi saret fil-mument illi effettivament kellha ssir u erronjament ma saritx. Għalhekk hija rettifika, għalhekk qed jissewwa l-iżball illi jkun sar – biex kull parti interessata titpoġġa lura fl-istat illi kienet dakinhar illi sar l-iżball.**

Huwa għalhekk illi l-Qorti ser tordna r-rettifika u tpoġġi lill-partijiet lura fl-istat li kienu l-affarijiet meta ttieħed l-iżball - iżda dan mhux qabel ma tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet bil-għan illi jittieħdu l-provvedimenti opportuni.

**Fl-ewwel lok**, il-Qorti ma tistax ma tinnotax in-nuqqas ta' professjonalita' u n-nuqqas ta' diligenza illi l-likwidatur l-Avukat Dr Elaine Sammut mxiet biha fl-istralċ odjern. Mhux biss tul il-proċess tal-istralċ illi suppost mexxiet bih hi, imma anke fil-kors ta' dawn il-proċeduri stess meta libset il-kappell ta' l-Avukat tar-rikorrent. Speċjalment fil-mod kif tressaq ir-rikors inizjalment. Ir-Reġistratur intimat bir-raġun illi ġibed l-attenzjoni għal dan l-akkadut, u rrimarka hekk fir-risposta tiegħu:

> *Illi għaldaqstant jista' jiġi dedott illi l-atteggjament tal-likwidatriċi fl-għeluq tal-proċess tal-istralċ jagħti indikazzjoni ta' traskuraġni, imprudenza jew nuqqas t' attenzjoni. Huwa kemmxejn stramb u forsi mhux f'loku illi l-istess likwidatriċi li temmet il-proċess tal-istralċ qiegħda llum tippreżenta r-rikors promotur f'isem ir-rikorrent abbażi tal-Artiklu 300B meta biex din l-azzjoni tirnexxi, din l-Onorabbli Qorti tħares lejn l-aspett ta' jekk l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkunx vizzjat bi frodi jew b'illegalita' ta' natura materjali, liema fattur jew fatturi jekk jirriżultaw lil din l-Onorabbli Qorti, ipoġġu f'ombra ta' dubju l-irwol tal-likwidatriċi u konsegwentament tal-avukat li qed jirrapreżenta lir-rikorrenti f'dan ir-rikors promotur.*

In kontro-eżami tal-istess Avukat Sammut li sar fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2022, intqal hekk:

> *Avukat: U bhalissa f'liema kapacita' qeghda tidher, bhala stralcarju jew bhala Avukat li ffirmajt ir-rikors promotur?*

*Xhud:* *Iffirmajt ir-rikors promotur pero` ukoll jiena kont stralcarju tal-kumpannija.*

*Avukat:* *Ma hassejtekx skomda tilbes dawn iz-zewg rwoli?*

*Xhud:* *Le*

In segwitu għal din id-deposizzjoni, proprju fis-seduta sussegwenti, saret talba għall-korrezzjoni fir-rikors promotur sabiex it-talba titqies illi qegħda issir ai termini tal-artikolu 300A u mhux 300B tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba ma kinitx opposta u liema talba ntlaqgħet mill-Qorti. Dan kien ifisser illi ma kienx hemm aktar il-ħtieġa illi din il-Qorti tindaga dwar jekk il-proċess ta' stralċ, li kkonduċiet hi stess, kien vizzjat bi frodi jew, fil-każ in eżami, b'element ta' illegalita' ta' natura materjali.

Issa l-Qorti tirrileva illi l-Avukat Dr Elaine Sammut, qua likwidatur tal-kumpannija fi stralċ, tiddikjara illi :

> *Prattikament jiena kont rajt il-financial statements tal-kumpannija, rajt li kien hemm l-assi pero` f'parti mill-process waqt li qed naghmel id-dokumentazzjoni, gejt infurmata li kien hemm persuna ohra li kienet qed tiehu hsieb certu affarijiet ohra. Jigifieri jiena kont qeda ghal likwidazzjoni biss.*

B'din is-silta meħuda mid-depożizzjoni ta' l-Avukat Sammut in kontro-eżami (fol 68), **il-Qorti tasal biex tikkonkludi illi filwaqt illi l-Avukat Sammut kienet qed taġixxi ta' likwidatur, ftit li xejn kienet taf x'inhu r-rwol ta' likwidatur**.

Kif tista' qatt il-Qorti taċċetta dikjarazzjoni bħal din, fejn likwidatur tiddikjara bl-aktar mod ċar illi hija ma kinitx *hands on* fuq l-affarijiet tal-kumpannija li fdata bl-istralċ tagħha, anzi, fejn taċċetta, qisu xejn mhu xejn, illi terzi persuna jieħdu ħsieb it-trasferiment tal-proprjeta' immobbli tal-kumpannija fi stralċ?

Mhux biss, imma kif qatt il-Qorti tista' taċċetta illi l-likwidatur fdat lil ċertu Dr Farrugia minn Ħal Balzan (għaliex lanqas kienet taf bi preċiż min hu l-persuna) sabiex jieħu ħsieb il-proprjeta' tal-kumpannija fi stralċ, meta l-kumpannija fdat lilha bl-esekuzzjoni tal-istralċ u meta dan Dr Farrugia, fi kliem l-istess likwidatur Dr Sammut, kellu "*xi bilanċi pendenti mis-Sur Fathi lejh*". Imma possibbli illi jista' qatt jgħaddi mil-kurituri ta' moħħ likwidatur illi

jaħsel idejh mill-assi tal-kumpannija fi stralċ u jħalli f'idejn kreditur tal-kumpannija sabiex, fi kliemha stress, "*tieħu ħsiebha*" hi?

**Għall-Qorti jibqa' dejjem importantissimu illi r-rwol ta' likwidatur ikun assunt minn min hu kapaci jagħmel dan ix-xogħol, minn min jaqdi d-doveri tiegħu skont il-liġi u b'sens leali u korrett lejn il-kumpanija li tkun qed tiġi xjolta, is-soċji tagħha u kull persuna illi tista' tkun interessata f'dak l-istralċ. Fuq kollox b'ħarsien tal-liġi. Traskuraġni bħal dak tal-Avukat Sammut ma jista' qatt jawgura dan.**

F'dan il-kuntest, il-Qorti ser tieħu l-provvedimenti opportuni kif ser jirriżulta aktar l-isfel.

Ukoll, fil-kors tad-depożizzjoni tagħha quddiem il-Qorti, l-Avukat Elaine Sammut tgħid "*issottomettejna id-dokumentazzjoni neċessarja sabiex tiġi stralċjata l-kumpannija iżda ġara x'ħin kważi wasalna għall-aħħar, sirna nafu li għad hemm żewg garaxxijiet li għadhom fuq isem il-kumpannija*".

Il-Qorti ssib dan stramb ħafna, u frankament ftit jikkorrabora dak li tgħid aktar 'il quddiem l-istess Avukat Sammut meta tgħid illi mill-*financial statements* kien jirriżultalha illi kien hemm assi - liema *financial statements* ġew sottomessi lill-MBR mal-FORM B(2) (fol 23). Altru allura milli kienet taf illi hemm proprjeta' immobli sa mill-bidu tal-proċeduri ta' stralċ u ċertament illi ma jistgħax ikun illi ntebħet bihom "*meta wasalna fl-aħħar*" – jew almenu ċertament illi d-diliġenza kellha twassalha sabiex ma tindunax meta kienet waslet fl-aħħar ta' xogħolha.

Mhux biss hekk, imma aktar 'il quddiem stqarret ukoll, kif ġja ġie aċċennat, illi kienet taf bil-proprjeta' imma kien qed jieħu ħsieb it-trasferiment tagħhom ħaddieħor.

In-nuqqas ta' kjarezza fil-mod kif iddeponiet l-Avukat Sammut f'dawn il-proċeduri huwa evidenti, u l-Qorti tkun qed tonqos jekk ma tissollevax dan. Għaliex dan in-nuqqas ta' kjarezza huma riflessjoni tan-nuqqas ta' professjonalità li bih tmexxa l-istralċ.

Ukoll, biex tkompli tħawwad il-borma illi l-likwidatur biss taf x'tefghet fiha, tghid, b'referenza ghall-iskambju ta' emails mal-Kummissarju tat-Taxxi, - (illi incidentalment hi ma kinitx partecipi ghalihom imqar billi tkun ikkuppjata bil-korrispondenza) - illi kien "*dik il-gurnata stess nfurmajt lill-MBR jiena, pero` d-desk officer qalli li ma hemmx procedura biex inwaqqaf il-kumpannija li tigi struck off*".

Iżżid tgħid illi malli "*sirt naf li din l-exemption mhix ha toħroġ, jiġifieri mill-ewwel*" – hija għarrfet lill-MBR. U allura l-Avukat Sammut tat lill-Qorti verżjonijiet diversi – għarrfet lill-MBR meta saret taf bil-proprjeta' lejn l-aħħar tal-proċess jew meta saret taf li ma kienx hemm *exemption*?

Il-Qorti trid tirrimarka illi fid-depożizzjoni tiegħu mbagħad, ir-rikorrent jgħid illi "*xahar u nofs bqajna nistennew*" (fol 51) b'referenza għat-talba lill-Kummissarju tat-Taxxi u wkoll jistqarr illi aktarx illi anke l-kuntratt tal-akkwisti tal-proprjeta' kien għaddielha lil-likwidatur.

U r-rikorrent jgħid fid-depozizzjoni illi:

> "*Ma nafx, ma stajtx inwaqqfu, cempilt l-ahhar zmien biex inwaqqfu imma Dottoressa cemplet biex nipprova nwaqqfu biex naghmel il-kuntratt ghax meta mort ghand in-Nutar qaltli ma jistghax isir fi zmien qasir il-kuntratt*."

Fl-affidavit tiegħu jgħid ukoll:

> *"Nghid illi ghamilt tentattivi sabiex nitrasfrixxi l-proprjeta' u nhallas it-taxxa, fejn fil-fatt ikkuntatjajt zewg nutara differenti fejn talbuni xi dokumentazzjoni u valutazzjonijiet tal-postijiet".*

U fl-isfond ta' dan kollu, l-Avukat Dr Elaine Sammut, qua likwidatur, tgħid illi ċemplet l-MBR u qalulha illi ma kienx hemm proċedura biex twaqqaf li l-kumpannija tiġi *struck off*. U, anke jekk qalulha hekk, (għaliex in kontro-eżami ġie suġġerit lilha illi l-kumpannija ġja kienet *struck off* meta kellmet lill-MBR), baqgħet biha u ma għamlet xejn. Għaliex jekk veru, kif issostni hi, illi l-*istriking off* kien għadu ma sarx, allura n-nuqqas ta' għarfien tal-liġi da parti tal-likwidatur Dr Elaine Sammut, illi hija ukoll Avukat, huwa bil-wisq evidenti.

Dan qed jingħad għaliex l-**Artikolu 275 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi preċiżament hekk:

*275.(1) Malli jirċievi r-rendikont u l-iskema tad-distribuzzjoni, jekk il-każ, flimkien mar-rapport tal-awdituri u wieħed mill-prospetti imsemmija fl-artikolu 274(2), ir-Reġistratur għandu jirreġistrahom minnufih, u malli jgħaddu tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fl-artikolu 401(1)(e) ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-reġistru.*

*Iżda l-qorti tista', fuq rikors magħmul fi żmien it-tliet xhur imsemmija mill-istralċjarju jew minn xi persuna oħra li fil-fehma tal-qorti jkollha nteress, tagħmel ordni li jiddiferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpanija għandu jitħassar mir-reġistru għal dak iż-żmien li l-qorti jidhrilha xieraq u bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti tista' tagħmel.*

*(2) Meta l-qorti tagħmel ordni taħt il-proviso għas- subartikolu(1), ir-Reġistratur tal-Qrati għandu minnufih jibgħat kopja tiegħu lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u r-Reġistratur għandu jiddiferixxi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) skont l-ordni mill-qorti kif imsemmi f'dak is-subartikolu.*

Huwa għalhekk illi l-Qorti qed tgħid illi kieku l-likwidatur ma kinitx traskurata u kellha għarfien aħjar tar-rimedji li tagħti l-liġi, l-Avukat Elaine Sammut qua likwidatur kienet tkun qdiet l-inkarigu tagħha bl-aħjar mod, ċertament b'aktar diliġenza u aktarx kienet tevita illi twassal lir-rikorrenti biex jgħaddi minn dawn l-odjerni proċeduri.

**Il-Qorti tqis dan kollu bħala balbuljata waħda sħiħa da parti tal-Avukat Dr Elaine Sammut, u ma tistax tħalli s-sentenza tingħata mingħajr ma tiddeplora l-aġir żbaljat, in-negliġenza, in-nuqqas ta' professjonalita', in-nuqqas ta' gharfien tal-liġi u s-sens kbir ta' traskuraġni da parti tal-likwidatur fil-qadi ta' dmirijietha.**

F'mument meta mhux biss saru interventi leġislattivi sabiex ir-rwol tal-likwidatur ikun regolat aħjar; f'mument meta huma magħrufa l-isforzi illi qed isiru mill-MFSA u l-MBR sabiex il-professjonisti li jaqdu din il-funzjoni jkunu ppreparati tajjeb għal dan ix-xogħol - il-Qorti tkun qed tonqos jekk ma tkunx iebsa ma' min mhux jieħu vantaġġ minn dak li qed isir sabiex il-professjonist, il-likwidatur, ikun ippreparat tajjeb biex iwettaqu xogħolu.

**Il-Qorti tqis illi kull min jidħol sabiex jwettaq ħidma fil-prattika tal-insolvenza għandu jkun ppreparat adegwatament għal dak ix-xogħol, u min mhux, għandha tiġi minn jeddu illi ma jidħolx għal tali xogħol**, u fin-nuqqas, għandhom ikunu l-istess awtoritajiet illi jassiguraw illi min jaqdi dawn il-funzjonijiet ikollu livelli adegwati ta' kompetenza, diligenza u professjonalita'.

Huwa ghalhekk illi l-quddiem ser jingħataw provvedimenti fir-rigward.

**Fit-tieni lok**, il-Qorti jidhrilha illi għandha tagħmel osservazzjoni oħra. Il-Qorti qed tagħmilha ċara illi f'dan il-każ, minkejja t-taħwid tal-likwidatur fil-qadi ta' dmirijietha, ma jirriżultax lill-Qorti illi kien hemm abbuż jew xi attentat ta' abbuż biex tiġi evitata l-ħlas tat-taxxa dovuta, iżda l-Qorti tqis illi tinħoloq sitwazzjoni anomala li ċertament il-legislatur ma riedx, sitwazzjoni possibilment abbużiva, fejn proprjeta', intenzjonalment, titħalla barra mill-iskema ta' distribuzzjoni f'każ ta' likwidazzjoni peress illi f'dak il-mument, per eżempju, soċju ikun kostrett iħallas taxxa, bl-intiża illi mbagħad tittieħed proċedura bħal din u fil-frattemp ikun għadda l-perjodu ta' ħames snin mill-akkwist u b'hekk jkunu iffrankati taxxi fuq it-trasferiment illi altrimenti kellhom ikunu dovuti skond il-liġi kieku l-kuntratt sar qabel.

Minn naħa tagħha il-Qorti għalhekk tqis illi meta ssir u tiġi ordnata ir-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni, allura jkun qed jissewwa nuqqas, żball li jkun hemm f'dik l-iskema, u kwindi l-Qorti tqis illi kwalsiasi transazzjoni li sseħħ għandha tiġi meqjusa illi saret fil-mument illi effettivament kellha ssir u erronjament ma saritx. Għalhekk hija rettifika, għalhekk qed jisewwa l-iżball illi jkun sar – biex kull parti interessata titpoġġa lura fl-istat illi kienet dakinhar illi sar l-iżball.

**Iżda l-Qorti tħoss illi għandha ġġib għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti possibbli abbuż bħal dan u kwindi sejra tagħti l-provvedimenti opportuni, mhux lanqas billi tordna illi meta jsir il-kuntratt ta' trasferiment biex issir ir-rettifika mitluba, il-kuntratt ikun jistipula illi dak huwa trasferiment illi kellu jsir qabel l-*istriking off* tal-kumpannija u qed isir issa biss minħabba r-rettifika fit-tifsira hawn fuq mogħtija.**

**Ċertament izda illi jista' huwa neċessarju anke intervent leġislattiv f'dan is-sens anke f'liġijiet fiskali, sabiex possibbli abbuż illi l-Qorti qed tara illi jista' jsir jkun evitat.**

**GĦALDAQSTANT**, wara illi rat l-atti kollha, ezamiet il-provi prodotti u għamlet il-konsiderazzjonijiet, tagħha, il-Qorti qegħda, fid-dawl tal-Artikolu 300A tal-KAP 386 hawn fuq ċitat u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif proposti fir-rikors promotur u:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex, fi żmien ħmistax il-jum, jerga' jdaħħal l-isem ta' **Supercar Limited (C 30291)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, <u>biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha fi stadju ta' stralċ daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru</u>.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Supercar Limited (C 30291)** jitpoġġa lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji għall-perjodu massimu ta' <u>sena</u> sabiex f'dan il-perjodu, ir-rikorrent jagħmel ir-rettifika neċessarja u ordnata tal-iskema ta' distribuzzjoni relattiv għall-istralċ tal-istess kumpannija msemmija billi jittieħed kont tal-propjeta', żewġ garaxxijiet, speċifikati fil-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Peter Carbonaro tad-19 ta' Jannar 2007 anness mar-rikors promotur, u dan wara li jittieħdu dawk il-passi kollha opportuni u neċessarji f'dan ir-rigward inkluż li tgħaddi kwalunkwe riżoluzzjoni li biha tiġi approvata tali skema ta' distribuzzjoni hekk rettifikat.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jieħu dawk il-miżuri kollha li jistgħu jkunu neċessarji sabiex tali rettifika tkun tista' ssir u tingħata effett.

5. **Fil-ħames lok**, taħtar bħala stralċjarju, bil-għan illi ssir ir-rettifika kif hawn fuq ordnat, lill-Avukat **Dr Peter Fenech** u tawtorizzah jottjeni

kwalsiasi inkartament illi jista' għandu bżonn minghand l-istralċarju preċedenti, li min-naħa tagħha għandha tikkoopera, u ukoll sabiex jidher fuq l-att relattiv in rappreżentanza tas-soċjeta' **Supercar Limited (C 30291).**

6. **Fis-sitt lok**, tinnomina lin-**Nutar Dottor Robert J. Muscat** sabiex jippubblika l-att notarili opportun ta' trasferiment tal-imsemmija proprjetajiet, b'rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni kif hawn fuq msemmi, u billi ssir referenza fil-kuntratt għal din is-sentenza u senjatament għal dak deċiż fir-rigward tat-tifsira tar-rettifika u għalhekk jara u jassigura illi l-kuntratt ikun jistipula illi dak huwa trasferiment illi kellu jsir qabel l-*istriking off* tal-kumpannija u qed isir issa biss minħabba r-rettifika fit-tifsira hawn fuq mogħtija.

7. **Fis-seba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjeż illi jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Supercar Limited (C 30291)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u eventwalment jerga' jneħħiha, kif ukoll l-ispejjeż u drittijiet notarili u l-ispejjes u d-drittijiet kollha tal-istralċarju hawnhekk maħtur, ikunu a karigu tar-rikorrent.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Malta Financial Services Authority u lill-Malta Business Registry għall-aħjar attenzjoni tagħhom, lill-Ministeru responsabbli mis-soċjetajiet kummerċjali u lill-Ministeru responsabbli mill-finanzi sabiex jaraw u jeżaminaw jidhrilhomx illi għandhom isiru xi interventi leġislattivi biex possibbli abbuż kif fuq imsemmi ma jkunx jista' jsir.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |